



Brussell, 15 ta' Jannar 2021
(OR. en)

5229/21

AGRILEG 4
PESTICIDE 1

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	14013/20 + ADD 1 + ADD 2
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) ... / ... ta' XXX li jemenda l-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-klordekon f'ċerti prodotti jew fuqhom <i>- Deċiżjoni li ma jkunx hemm oppożizzjoni għall-adozzjoni</i>

1. Fil-11 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni ppreżentat għal skrutinju mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill l-abbozz ta' Regolament imsemmi hawn fuq (ST 14013/20 + ADD 1 + ADD 2) f'konformità mal-Artikolu 5a (3)(a) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE¹, kif modifikata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/512/KE², li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni.
2. Il-Grupp ta' Ħidma ta' Kunsillieri għall-Agrikoltura kkunsidra, permezz ta' konsultazzjoni informali bil-miktub³, li ma hemm l-ebda raġuni biex il-Kunsill jopponi l-adozzjoni tal-abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni.

¹ ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23

² ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11

³ WK 14676/2020, WK 422/2021

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden:

- jikkonferma l-qbil li ntlaħaq mill-Grupp ta' Ħidma, u
 - jirrakkomanda lill-Kunsill biex jikkonferma, bħala punt "A" fuq l-aġenda tiegħu, li ma hemm l-ebda raġuni biex jopponi l-abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni msemmi hawn fuq.
-